**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 181/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Eman Hayman)**

**-Vs-**

**KYLE LAUTIER**

**Illum, 26 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **KYLE LAUTIER**, iben Christopher u Maruska nee' Monsigneur li twieled ġewwa l-Pieta' nhar il-31 ta' Marzu 1993, dikjarat li jirrisjedi fil-fond 100, Dolphin Flats, Triq Alessandru, Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 163093M akkużat talli nhar it-23 ta' Marzu 2021 għall-ħabta ta' 16:45hrs u u fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel iżda mhux aktar mid-data tas-6 ta' Diċembru, 2020 ġewwa Birżebbugia u diversi postijiet

ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

1. Ikkaġuna lil eks sieħba tiegħu u ċioe' Angie Grixti, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, liema delitt ikkawża offiża psikologika fuq il-vittma.

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Angie Grixti.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Kyle Lautier a benefiċju ta' Angie Grixti u 'l-familjari tagħha.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' Angie Grixti jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Kyle Lautier b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati tal-akkużi[1];

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minnha taħt dak li hemm maħsub:-

a) Fl-Artikoli 251A(1)(a)(b)(2)(4), 251C, 251D(3), 251H(a)(h), ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Akkużi ġodda nqraw fis-16 ta' Diċembru 2021, fol. 170.

b) Fl-Artikolu 339(1)(d), (e) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Fl-Artikoli 7, 8, 11, 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 19, 31, 382A, 383, 384, 385, 386,387, 412C, 412D, 532A, 532B, 533 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru 2022 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2022;

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli bir-reat ta' fastidju, reż iktar gravi bl-indikazzjoni ta' diversi ċirkostanzi aggravanti, fil-konfront tas-sieħba preċedenti tal-imputat, Angie Grixti. Ġie mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Dawn l-akkużi nibtu minn serje ta' rapporti li għamlet l-istess Angie Grixti in segwitu għat-terminazzjoni tar-relazzjoni bejniethom, liema rapporti, in kwantu dawk li huma taħt l-iskrutinju tal-Qorti f'din il-kawża u li jikkonċernaw inċidenti li seħħew fil-parametri ta' żmien imsemmi fiċ-Ċitazzjoni, saru fuq allegazzjoni li l-imputat kien qed jagħtiha fastidju, senjatament billi jgħajjarha "qaħba" kull fejn u meta jaraha għaddejja fit-triq.

**Angie Grixti** xehdet li hija kellha relazzjoni mal-imputat għal madwar sentejn liema relazzjoni kienet spiċċat ftit tax-xhur qabel. Fit-3 ta' Marzu 2021 għall-ħabta tal-5.30 p.m. kienet għaddejja bil-karozza vicin l-istabbiliment Al Fresco, ħierġa 'l barra minn Birżebbuga fejn rat lill-imputat għaddej bil-mixi fuq in-naħa l-oħra tat-triq bil-kelb, ġej minn faċċata. Hi għarfitu mill-ħwejjeġ li kien liebes, kollox iswed, li huwa l-ħwejjeġ tax-xogħol tiegħu, kif ukoll mill-kelb, u rat li kien hemm grupp ta' erba' jew ħames persuni ħdejh iżda ma tafx jekk kienux miegħu jew jekk kien għaddej warajhom. Hi rat illi l-imputat kien induna biha għaliex ratu jħares lejha u kif eżatt għaddiet minn miegħu bil-karozza, l-imputat, li dak il-ħin kien biss ftit metri 'l bogħod minnha, għajjat b'għajta kbira l-kelma "qaħba". Din l-għajta instemgħet viċin ħafna anke għaliex kellha l-ħġieġa ftit imniżżla. Angie Grixti kkonfermat li hija taf li din l-għajta kienet indirizzata lilha għalkemm hija ma ħarsitx lejn l-imputat u baqgħet tħares għad-dritt. Dan għaliex hija għarfet leħen l-imputat u ma kellha l-ebda dubju dwar dan. Hi baqgħet issuq u marret tagħmel rapport dwar dan l-inċident fis-6 ta' Marzu 2021 meta t-tfal tagħha ma kienux magħha.

L-għada 7 ta' Marzu 2021, Angie Grixti kienet fuq il-bejt tad-dar tagħha ġewwa Triq in-Noqra, Birzebbuga meta għall-ħabta tat-3.15 p.m. reġgħet semgħet l-għajta "qaħba" iżda għalkemm ittawlet 'l isfel, ma rat lil ħadd. Hi għarfet il-leħen ta' din l-għajta bħala Kyle Lautier iżda ma kienetx marret tagħmel rapport dwar dan l-inċident għaliex ħasset li peress li ma kienetx ratu iżda kienet semgħetu biss, ma kellhiex biżżejjed provi.

Imbagħad xehdet illi fit-23 ta' Marzu 2021 għall-ħabta tal-4.45 p.m. kienet għaddejja bil-karozza fi Triq San Patrizju, Birzebbuga, id-direzzjoni tal-Freeport, fejn lemħet lill-imputat ġej bil-mixi meta kien għadu 'l bogħod minnha. Indunat li kien hu inizzjalment għaliex għarfet lill-kelb u ratu jaqsam it-triq għal fuq is-central strip. Hi basret li jekk jaraha, kien ser jgħajjat is-soltu għajta u għalhekk saqet b'iktar veloċita' biex tipprovata tevitaha iżda indunat li hu kien raha għaliex ħares lejha u hekk kif għaddiet eżatt mas-central strip tisma' mal-ħġieġa l-kelma "qaħba". Dak il-ħin l-imputat kien viċin ħafna tal-vettura tagħha. Hi rrabbjat għaliex ħasset li ma setgħetx

tibqa' sejra hekk u ddeċidiet tixgħel il-mobile biex tiġbidlu video u reġgħet daret lura biex taqbad lill-imputat fuq vidjow u b'hekk, jekk jerġa' jgħajjarha, ikollha provi biex tissostanzja l-verżjoni tagħha meta tmur tagħmel ir-rapport. Rat lill-imputat għaddej ix-xatt u għolliet il-mobile biex jiġi jidher li kien preżenti u ratu jċempel xi ħadd bil-mobile fejn semgħetu jgħid: "*qiegħda bil-mobile f'idha*". Marret id-dar u bagħtet email mill-ewwel lill-Ispettur Eman Hayman.

**L-imputat, Kyle Lautier**, ma xehedx quddiem il-Qorti iżda fl-istqarrija li huwa rrilaxxa meta ġie interrogat mill-Pulizija fis-26 ta' Marzu 2021, stqarr illi fit-23 ta' Marzu 2021 wara nofsinhar għall-ħabta tal-4.30 p.m., mar jimxi bil-kelb u minn Birzebbuga tela' sa Marsaxlokk, reġa' lura u għadda minn mal-bajja. Biex għamel dan, hu qasam it-triq u mexa fuq il-bankina tax-xatt bħalma jagħmel kuljum u matul il-mixja, waqt li kien fuq il-bankina, huwa ra lil Angie Grixti teħdolu video bil-mobile tagħha u għaddiet iktar minn tliet darbiet. Hu ċaħad kategorikament illi malli għaddiet minn miegħu Angie Grixti huwa għajjarha qaħba jew qal xi kelma oħra u qal li dik gidba kollha. Innega wkoll li dakinhar hu kien għadda minn ċertu inħawi mhux tas-soltu biex ifittex jara jekk jilmaħx lil Angie Grixti, iżda stqarr illi kif lemaħha ġejja, ħares lejha u baqa' għaddej normali. Qal ukoll li t-tielet darba li għaddiet minn miegħu dakinhar, kien fuq it-telephone ma' missieru u kien qed jispjegalu minn x'hiex kien għaddej dak il-ħin.

Dwar l-inċident tat-3 ta' Marzu 2021, l-imputat filwaqt li stqarr illi huwa ma kienx ra lil Angie Grixti, xehed illi dakinhar fil-ħin in kwistjoni huwa kien miexi ma' żewġt iħbieb tiegħu Massimo Ciantar u Leanne Abela Grech b'żewġt iklieb u fl-ebda ħin ma insulenta lil Angie Grixti.

Ċaħad ukoll li kien għajjar lil Angie Grixti mit-triq quddiem ir-residenza tagħha fis-7 ta' Marzu 2021, għalkemm stqarr li jgħaddi minn dik it-triq kważi kuljum. Qal ukoll li peress li Angie Grixti toqgħod 'il ġewwa ħafna mhux faċli taraha jekk tkun għaddej bil-karozza mit-triq tagħha.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat tar-reati li ġie mixli bihom fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi l-imputat mixli quddiemha wettaq ir-reati li qed jiġu addebitat lilu.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[2], ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[3].

Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-każ partikolari, il-Qorti trid tara wkoll jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bl-applikazzjoni tal-prinċipji li nsibu fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin*

---

[2] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.

[3] Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt'* qal awtorevolment:- *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

*mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[4]

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet li huma manifestament kunfliġġenti kwantu għall-episodji ta' allegat fastidju: l-imputat fl-istqarrija tiegħu ċaħad li huwa għajjar lil Angie Grixti f'dawk it-tliet okkażjonijiet li hi xehdet dwarhom fejn insistiet li kienet ċerta li kien l-imputat li għajjat l-għajta "qaħba" liema għajta kienet indirizzata lilha.

Għandu jingħad li mhux ftit huma dawk il-każijiet fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji. Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, fuq imsemmi, li jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda oħra, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Iżda, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[5], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux».*

[4] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.
[5] Deciza 9.7.2003.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[6] ġie ritenut li:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Applikat dawn il-prinċipji għax-xhieda li semgħet il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Il-Qorti fliet il-verżjoni rapportata minn Angie Grixti lill-Pulizija fis-6 ta' Marzu 2021 u fit-23 ta' Marzu 2021 u ma tistax ma tosservax illi hija kienet konsistenti ferm fl-irqaqat kollha ta' dawn l-inċidenti, inkluż il-lok preċiż fejn seħħew kif ukoll il-manuvri tagħha u tal-imputat. Barra dan, fil-fehma tal-Qorti, jagħmel sens li f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet fejn Angie Grixti rat lill-imputat u semgħetu jgħajjarha qaħba, ġie ppruvat, anke *ex admissis*, li effettivament l-imputat kien qiegħed tabilħaqq fl-istess lok u fl-istess ħin.

Il-Qorti semgħet lill-vittma tixhed quddiemha u rat il-komportament tagħha fuq il-pedana tax-xhieda u tenut kont ukoll tal-fatt li l-verżjoni tagħha kienet konsistenti mill-bidu sal-aħħar, hija konvinta li x-xhud hija ġenwina u li l-fatti li rakkontat, verament seħħew. Ma ġiet riskontrata u ma ntweriet l-ebda raġuni l-għala l-Qorti għandha tiddubita mill-verżjoni ta' Angie Grixti li l-imputat għajjarha bil-kelma qaħba

[6] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

f'kull waħda mill-okkażjonijiet li xehdet dwarhom - inkluż meta inzertatu miexi waqt li hi tkun għaddejja bil-karozza fit-triq - u fiċ-ċirkostanzi, tqis li l-verżjoni tagħha hija ferm iktar verosimili mis-sempliċi ċaħda tal-imputat.

F'każ ta' kunflitt ta' provi konfliġġenti, huwa assodat illi l-ġudikant jista' jagħżel verżjoni waħda minn dawk opposti u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

Hawnhekk il-Qorti tirribadixxi dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**:-

"*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'żewġ versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-każ) jistghu jigru żewġ affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi għall-piena ...*"[7]

Il-Qorti ma temminx li Angie Grixti ivvintat dawn l-episodji kollha. Il-provi juru li kienet proprju hi li temmet ir-relazzjoni mal-imputat u li l-imputat kellu diffikolta' biex jaċċetta t-terminazzjoni tar-relazzjoni u li minħabba fihom Angie Grixti għaddiet minn żmien ħażin. Il-provi juri wkoll li tabilħaqq qabel it-3 ta' Marzu 2021 u preċiżament in segwitu għat-terminazzjoni tar-relazzjoni tagħhom sas-6 ta' Diċembru 2020[8], hija kienet għamlet diversi rapporti oħrajn fil-konfront tal-imputat dwar allegat fastidju. Il-Qorti mhi xejn affattu konvinta li Angie Grixti setgħet iffabbrikat dawn it-tliet inċidenti li xehdet dwarhom u din l-ipotesi ta' fabbrikazzjoni - li hija l-unika waħda konċepibbli jekk tiċħad il-verżjoni tagħha dwar il-fastidju verbali li kien qed

---

[7] Appell Kriminali deciz 9.9.2002. Ukoll, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, ġie ritenut:- "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

[8] Id-data msemmija espressament fiċ-Ċitazzjoni.

ikollha tiffaċċja kull darba li l-imputat jilmaħha - tikkozza mal-frustrazzjoni u dwejjaq evidenti li esprimiet l-istess Angie Grixti meta xehdet quddiem il-Qorti dwar l-okkażżjonijiet kollha fejn semgħet lill-imputat jgħajjarha b'leħen għoli fil-pubbliku bl-istess kelma ripunjanti. Għall-Qorti ma fiha l-ebda loġika l-ipotesi li Angie Grixti tmur tirrapporta lill-imputat in konnessjoni mal-istess xorta speċifika ta' fastidju verbali, kull darba li tarah għaddej fit-triq anke meta taf, jew setgħet tobsor, li kien fil-kumpannija ta' terzi persuni li faċilment setgħu jikkontradixxu l-verżjoni tagħha. Wara kollox, mill-provi l-Qorti fehmet illi kienet proprju Angie Grixti nnifisha li ma riditx tibqa' iktar fir-relazzjoni mal-imputat u tterminat din ir-relazzjoni.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-episodju li allegatament seħħ fit-3 ta' Marzu 2021, il-Qorti tosserva li l-fatt li jista' jkun minnu li l-imputat ma kienx waħdu dakinhar iżda fil-kumpannija tan-nies, żgur ma jfissirx illi huwa ma kienx għajjar lil Angie Grixti bil-kelma "*qaħba*" hija u għaddejja bil-karozza tagħha fit-triq. Huwa minnu li l-Qorti ma rravviżat xejn fix-xhieda ta' Massimo Ciantar u Leanne Abela Grech li tikkonvinċiha li ma kienux qed jixhdu s-sewwa u temmen illi l-imputat tassew kien fil-kumpannija tagħhom fit-3 ta' Marzu 2021 meta marru jimxu max-xatt ta' Birżebbuga. Madankollu, dan ma jfissirx illi huwa eskluż li l-imputat għajjar lil Angie Grixti dakinhar u ma jfissirx lanqas illi dan l-episodju seħħ meta l-imputat kien proprju fil-kumpannija taż-żewġ sħabu. Angie Grixti xehdet li rat grupp ta' erba' jew ħames persuni quddiem l-imputat meta lemħitu iżda qatt ma semmiet li huwa kien flimkien ma' żewġ persuni oħra u li kien hemm kelb ieħor. Ikkonfermat ukoll illi l-ħin kien fil-5.30 p.m. ċioe' siegħa sħiħa wara li l-imputat allegatament iltaqa' ma' sħabu fejn il-klabb tal-boċċi. Imkien mix-xhieda tal-imsemmija sħabu jew mill-istqarrija tal-imputat ma jirriżulta għal kemm ħin damu mexjin jew f'liema lok imbagħad telqu 'l xulxin wara l-mixja u kollox magħdud, hija l-fehma tal-Qorti li x-xhieda ta' Leanne Abela Grech u Massimo Ciantar ma tnaqqas xejn mill-konviċiment tagħha dwar il-veraċita' tal-verżjoni ta' Angie Grixti.

Fir-rigward tal-inċident li seħħ fit-23 ta' Marzu 2021, il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tad-difiża illi l-imputat kieku l-imputat verament għajjar lil Angie Grixti bl-istess kelma qaħba u b'hekk ikkaġunalha fastidju, ma kienetx terġa' ddur lura fit-triq biex tipprova tfittxu biex tirrekordjah. Għall-kuntrarju, il-Qorti temmen u hi konvinta illi Angie Grixti għamlet din il-manuvra għaliex tant kienet imxebba' u mdejqa b'dan il-fastidju verbali ripetut li ma setax jiġi ppruvat faċilment, illi biex tiskeb prova dwar dan, hija rikorriet anke għal metodi li minnhom infushom ftit setgħu kellhom suċċess. Din il-manuvra ta' Angie Grixti m'hijiex prova tajba li hija ma kienetx imdejqa jew imbeżża' bl-imġieba tiegħu: għall-Qorti din il-manuvra jfisser biss li f'kuntest ta' kif seħħew l-episodji ta' fastidju, permezz tal-għajta spontanea tal-istess insult meta hija tkun waħeda u fejn allura huwa diffiċli li l-kelma tagħha tiġi korroborata bi prova oġġettiva, Angie Grixti ipprovat tikseb prova mqar tal-presenza tal-imputat fil-post fejn seħħew l-allegati episodji ta' fastidju rapportati minnha.

Mill-filmat meħud mit-telefon ċellulari tagħha, anke jekk ma jaqbad xejn minn dak li ttamat Angie Grixti, huwa evidenti li Angie Grixti, bil-mobile diġa' qiegħed jirrekordja, saqet b'ċertu determinazzjoni u daret it-toroq fejn basret li seta' għadda minnhom l-imputat wara li kien appena għajjarha "qaħba" qabel ġie biex jaqsam it-triq. Il-Qorti hija konvinta li Angie Grixti kienet qiegħda ġenwinament tipprova tfittex lill-imputat dak il-ħin biex tirrekordjah, iżda dan mhux biex iddejqu jew toħloqlu l-inkwiet għalxejn, jew biex tipprovoka jew tfittex rejazzjoni mingħandu, iżda unikament biex taqbdu fuq video biex turi li huwa verament kien fil-post indikat minnha u li kien għajjarha dak il-hin u biex, f'każ li jerġa' jgħajjarha bl-istess kelma li wara kollox kien jgħajjarha biha kull darba li jilmaħha fit-triq, ikollha prova f'idejha.

Ma ġie ravviżat xejn f'dak li għamlet Angie Grixti li tnaqqas mill-konvinċiment tal-Qorti li l-episodji li xehdet dwarhom effettivament ġraw u li l-imputat effettivament għajjarha qaħba. Il-fatt illi fil-video l-imputat jidher ma jgħid xejn huwa inevitabbli għaliex rinfaċċjat b'tentattiv li jinġsbru l-provi kontrih, ħadd ma jistenna li l-imputat ser jinqabad jgħid proprju l-kelma impunjata jew xi prova oħra li ssostni l-verżjoni tal-vittma tiegħu.

Il-Qorti, mix-xhieda ta' Angie Grixti waħedha, ma tistax tkun konvinta lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-persuna li għajjat il-kelma "qaħba" fit-triq fis-7 ta' Marzu 2021, kien l-imputat. Iżda meta l-verżjoni ta' Angie Grixti titpoġġa fir-retroxxena tal-episodji l-oħra fejn huwa ppruvat li l-imputat għajjarha dejjem bl-istess kelma "qaħba" u dan spontanjament, mingħajr provokazzjoni u mhux fil-kuntest ta' tilwima jew argoment bejn il-partijiet, il-Qorti tqis li għandha tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tagħha anke għaliex hija konvinta li dan kien il-*modus operandi* li addotta l-imputat kull meta kien jinzerta lill-vittma. Biex waslet għal din il-konklużjoni l-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputat waqt l-interrogazzjoni, stqarr li huwa jgħaddi mit-triq fejn tirrisjedi Angie Grixti kważi kuljum għaliex hi triq prinċipali u ma ċaħadx li għadda minn hemmhekk fis-7 ta' Marzu 2021. Il-Qorti tinnota wkoll illi dan l-inċident inzerta proprju l-għada li l-Pulizija għamlet kuntatt mal-imputat dwar l-allegat inċident tat-3 ta' Marzu 2021 u għalhekk kollox magħdud, il-Qorti temmen il-verżjoni fix-xhieda ta' Angie Grixti illi l-leħen li hija semgħet jgħajjat il-kelma "qaħba" mit-triq, kien leħen l-imputat kif del resto affermat b'ċertezza assoluta Angie Grixti fix-xhieda tagħha, u huwa immaterjali l-fatt li l-imputat ma kienx raha b'għajnejh għaliex dan mhux meħtieġ biex proprju jgħajjarha mit-triq.

Ikkunsidrat;

Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, irid jiġi ppruvat li persuna:- (a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew (b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna (fost azzjonijiet oħrajn li wkoll jikkostitwixxu dan ir-reat).

Huwa paċifiku fl-insenjament ġurisprudenzjali in materja tar-reat ta' fastidju illi jeħtieġ li jintwera li "*l-imgieba*" tal-aġent tar-reat, tammonta għal *a course of conduct.* Dan hu deżumibbli mhux biss mill-użu speċifiku tal-kliem "*iġġib ruħha*" iżda mill-fatt illi huwa inerenti fit-tifsira nnifisha tal-kelma fastidju xi xorta ta' kondotta ripetuta.

In propositu tar-reat ta' *harassment*, intqal hekk f'**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.):-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ).*"[9]

Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251Ċ tal-Kap. 9 li tgħid li referenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("*alarming the person or causing the person distress*" fit-test Ingliz), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment".

Blackstone fir-rigward, jgħid hekk[10]:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment; **it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability**. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord*

[9] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Emfasi tal-Qorti.
[10] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.

*Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.**"* [emfasi tal-Qorti][11]

F'sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret:

*"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "**Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose**", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena*** *u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."*

Imbagħad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[12]**:-**

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien****." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

... ... ...

... ...

... ***Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi***." (emfasi ta' din il-Qorti)[13]

---

[11] Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit**-2.05.2013.**

[12] Deċiża 21.6.2007.

Applikat dan l-insenjament għall-kwadru ta' fatti li jinsilet mix-xhieda ta' Angie Grixti, il-Qorti tqis illi l-imġieba tal-imputat fejn, kif diġa' appena stabbilit, għajjar lil Angie Grixti bil-kelma « qaħba » fil-pubbliku f'żewġ okkażjonijiet fejn lemaħha fit-triq u darb'oħra quddiem ir-residenza tagħha fejn hija semgħat l-għajta minn fuq il-bejt u għarfet leħen l-imputat, mhux biss huwa kapaċi oġġettivament iżda wkoll qanqal effettivament, dwejjaq u ansjeta' fil-vittma anke mill-perspettiva soġġettiva tagħha.

Il-kelma « qaħba » fiha nnifisha hija terminu dispreġġjattiv u insultanti *multo magis* meta tiġi indirizzata lejn persuna f'lok pubbliku u għalhekk, il-Qorti ftit għandha diffikolta' tifhem is-sensazzjoni ta' dwejjaq, allarm u intimidazzjoni li dan l-aġir iqanqal fil-vittma. Il-Qorti fehmet ukoll li din l-imġieba, għad li hija infantili, hija wkoll insultanti u offensiva u proprju għaliex hi wkoll ripetittiva u frekwenti, hija kapaċi tnissel sensazzjoni ta' pressjoni u dwejjaq fil-vittma. Barra dan, il-Qorti fehmet li din l-imġieba ma kkaġunatx biss inkonvenjent lill-vittma iżda nisslet fiha ċertu qies ta' allarm anke peress li hija taf li jekk l-imputat jilmaħha fit-triq – ħaġa li hi kważi inevitabbli meta t-tnejn jirrisjedu ġewwa l-istess raħal - x'aktarx ser jgħajjarha « *qaħba* » fil-pubbliku quddiem nies oħrajn.

Kif rajna, biex jikkostitwixxi reat taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, jeħtieġ li l-aġir li jikkostitwixxi l-fastidju jkun manifestat f'iktar minn okkażjoni waħda għaliex ir-reat ta' fastidju jesiġi kondotta ripetuta u mhux biżżejjed inċident wieħed iżolat. Dan ir-rekwiżit jirriżulta ċar mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni għaliex hija **l-fehma tal-Qorti li kull darba li l-imputat għajjar lil Angie Grixti "qaħba" b'leħen jgħajjat fil-pubbliku, jikkostitwixxi episodju separat u distint ta' imġieba abitwali li tikkaġuna fastidju, kompriż l-episodju tas-7 ta' Marzu 2021 fejn għalkemm it-**

---

[13] Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Falzon**[13], il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret:- "*… hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. … Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.*"

**tgħajjir ma ntqalx fil-presenza tal-vittma, hija xorta waħda semgħet l-għajta tat-tgħajjar u kienet taf li dan kien indirizzat lilha.**

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni ċioe' tar-reat taħt l-Artiklu 251A tal-Kap. 9.

L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika li jista' jsib riskontru wkoll l-aggravanti taħt il-paragrafi (a) u (h) tal-Artikolu 251H tal-Kap. 9.

Il-psikologa Carmen Sammut xehdet illi mill-evlwazzjoni psikoloġika li hija għamlet fuq Angie Grixti, irriżulta li hija ma tħosshiex sigura meta toħroġ mid-dar bil-karozza u tibża' dwar x'jista' jiġri jekk tiltaqa' mal-imputat fit-triq għaliex hu kien jgħajjarha u jobżqilha fit-triq u jsegwiha. Ħareġ ukoll illi hija għandha personalita' b'tendenza qawwija li tagħmel dak li hu mistenni minnha iktar minn dak li trid tagħmel hi stess, kif ukoll tendenza li tiġi intimidata u tbati minn ansjeta' bħala rejazzjoni tal-episodji li għaddiet minnhom mal-imputat.

Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-riżultanzi kliniċi ma jikkostitwixxux prova tal-aggravanti msemmija fiċ-Ċitazzjoni taħt l-Artikolu 251H(h) tal-Kap. 9 għaliex anke jekk hu minnu ġie riskontrat offiża psikoloġika konsistenti f'ansjeta' u tendenza ta' intimidazzjoni fil-vittma bħala konsegwenza tal-episodji ta' fastidju mwettaq mill-imputat, ċertament f'din ir-rejazzjoni ma tiffigurax l-**offiża gravi psikoloġika** maħsuba fil-paragrafu (h) tal-Artiklu 251H. Fil-fatt, Angie Grixti nnifisha fix-xhieda tagħha ma xehditx li hija baqgħet issofri psikoloġikament minħabba dan il-fastidju jew li kellha bżonn tieħu kura psikoloġika fir-rigward, għalkemm huwa minnu li hija xehdet dwar is-sensazzjonijiet inizzjali ta' qatgħa u dispjaċir li ħasset meta kull darba li jilmaħha, l-imputat jgħajjarha "qaħba", u r-rabja li segwiet.

Madankollu, huwa sodisfaċjentement ippruvat illi l-imputat kellu relazzjoni ma' Angie Grixti għal ċirka sentejn, liema relazzjoni kienet intemmet ċirka sitt xhur qabel

ġie interrogat u għaldaqstant, għandu jiġi applikat l-aggravanti ravviżat fil-paragrafu (a) tal-Artiklu 251H tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

L-Avukat Ġenerali indika wkoll fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, ir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, addebitat fit-tieni imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni. Hawnhekk għandha raġun id-difiza u billi l-imputat qed jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat ta' fastidju, il-Qorti ma tistax tikkunsidra wkoll il-kwistjoni tal-ħtija għar-reat kontravvenzjonali. Dan għaliex il-liġi fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 hija ċara li għandu jinstab ħati ta' dan ir-reat min jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi u kif stabbilit, f'dan il-każ il-fastidju mwettaq mill-imputat kien wieħed verbali konsistenti f'insulti, tgħajjir u inġurja.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti apparti n-natura serja tar-reat hekk kif aggravat, ħadet in konsiderazzjoni wkoll ix-xhieda u r-rapporti mħejjija fir-rigward ta' l-imputat mill-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti, fejn jirriżulta li l-imputat għamel sforz sostanzjali biex jindirizza l-problemi psikoloġiċi tiegħu u dejjem żamm kuntatt regolari mal-Uffiċjal tal-Probation u mal-psikologu li ġie riferut għandu, kif ukoll jinsab f'qagħda stabbli mentalment tant illi l-frekwenza tal-appuntamenti tiegħu mal-Konsulent Psikatrja naqqset. Ġie konfermat ukoll illi effettivament l-imputat irreġistra progress tajjeb f'kull qasam ta' ħajtu, sija dik lavorattiva, rikrejazzjonali u familjari f'dawn l-aħħar sentejn u ma għandu l-ebda vizzju ta' droga jew ta' sostanzi illeċiti. Dan l-andament pożittiv, fil-fehma tal-Qorti għandha tingħata piż qawwi fid-determinazzjoni dwar il-piena għaliex hu ovvju li l-imputat qiegħed jislet il-frott tas-superviżjoni tal-Uffiċjal tal-Probation u dan il-progress ma għandux jiġi stultifikat permezz ta' sentenza karċerarja. Għall-kuntrarju, il-Qorti temmen illi dan l-andament pożittiv għandu jiġi konsolidat billi l-imputat ikompli jżomm kuntatt mal-

professjonisti li qegħdin isegwuh u jsegwi d-direttivi mogħtija lilu biex jitbiegħed għal kollox mit-triq tal-kriminalita' u dan fl-interess kemm tiegħu kif ukoll tal-vittma u tas-soċjeta' in ġenerali. Il-Qorti hija fiduċjuża u ottimista li dan il-progress illi l-imputat għamel s'issa sejjer jibqa' għaddej u għalhekk sejra tagħtih opportunita' li jibbenefika minn sanzjoni fil-komunita' minflok piena karċerarja.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u anke li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 251A(1)(a)(b)(2)(4), 251Ċ u 251H(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil KYLE LAUTIER ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta'** ***Probation*** **għal żmien tlett (3) snin mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħati jesprimi r-rieda tiegħu li jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta'** ***Probation*****.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Angie Grixti kontra imġieba tal-hati li tikkaġuna fastidju, qieghda b'zieda mal-piena, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess KYLE LAUTIER a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta għal żmien tliet snin u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.**

**Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati, KYLE LAUTIER, iħallas lir-Reġsitratur tal-Qorti is-somma ta' tmien mija u tmintax-il Euro u tlieta  u disgħin ċenteżmu (€818.93) rappreżentanti l-ispejjeż biss li tħallsu lill-espert Keith Cutajar, maħtur bħala perit fil-proċeduri**[14] **u dan fi żmien tmien (8) xhur mil-lum**.

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[14] Paġna 367 – Dok. KC1, relazzjoni.